MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2001

Citazzjoni Numru. 1319/2000/1

**Rosario u Consiglia konjugi SALIBA**

**vs**

**Louis ABELA.**

**Il-Qorti,**

Illi fis-26 ta’ Dicembru 1997 ghal xi s-2.30 p.m., waqt li l-attur Rosario Saliba kien qed isuq motorcycle Honda Nru. FAR 104 – proprjeta’ tieghu u ta’ martu l-attrici Consiglia Saliba – gio Triq tal-Barrani, Zejtun, fid-direzzjoni ta’ Birzebbugia, safa’ involut f’incident awtomobilistiku mal-car Daewoo Nru. KAE 374 misjuqa mill-konvenut, li harget ghal gio Triq tal-Barrani minn Vjal il-25 ta’ Novembru, Zejtun, li hija triq laterali senjalata bi *stop sign* (Dok. A);

Illi bhala konsegwenza ta’ l-incident, l-atturi garrbu danni senjatament *damnum emergens* u *lucrum cessans* billi l-attur Rosario Saliba sofra griehi gravi fil-persuna tieghu tant li qed ibati minn debilita’ ta’ natura permanenti (Dok. B);

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenut - interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni kollha subiti mill-atturi - baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi;

2. Tillikwida dawn id-danni tal-atturi occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjez - komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Novembru 1999 notifikata lill-konvenut fl-4 ta' Novembru 1999 - kif ukoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-kumpanija ta' assikurazzjoni tal-vettura tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta - u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni;

Dan id-Degriet qieghed jinghata *in camera* skond il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Novembru, 2000, relattiv ghat-talba maghmula mill-konvenut bir-Rikors tieghu tat-3 ta' Novembru, 2000, fejn talab il-hatra ta' periti addizzjonali wara li l-kirurgu Carmel Sciberras, mahtur bi qbil bejn il-partijiet waqt is-smiegh tat-23 t'Ottubru, 2000, irrilaxxa rapport dwar il-qaghda medika tal-attur;

Ghat-talba tal-konvenut, l-atturi ressqu riserva dwar l-attendibilita' taghha ghaliex jghidu li l-hatra ta' periti addizzjonali ma tistax ssir fejn ir-rapport ikun imfassal minn espert *ex parte*;

Illi m'hemmx dubju li l-kirurgu Carmel Sciberras kien imqabbad mill-attur biex jesaminah fil-vesti tieghu privata sa mill-1998, jigifieri sa minn qabel ma nbdiet il-kawza;

Illi l-imsemmi konsulent kirurgu ortopediku kien esamina lill-attur u halla rapport dwaru bid-data tas-27 t'Ottubru, 1998 [Dok B mehmuza mal-atti tac-Citazzjoni, f'pagni 9 sa 12 tal-process] fejn kien ukoll esprima fehma dwar grad ta' debilita' permanenti parzjali fl-attur;

Illi, bis-sahha tal-artikolu 563A tal-Kap 12, il-fehma jew fehmiet ta' espert imqabbad privatament minn xi parti f'kawza, fuq hwejjeg li huwa jkollu l-kwalifiki mehtiega dwarhom, tista' titqies bi prova u dak l-espert jista' jitressaq <u>bhala xhud</u>;

Illi meta l-partijiet qablu, waqt is-smiegh tat-23 t'Ottubru, 2000, li jerga' jinhatar l-imsemmi konsulent kirurgu ortopediku biex jerga' jesamina lill-attur u jikkostata l-qaghda medika tieghu, huma kienu qeghdin effettivament jestendu l-hatra li kien inghata originarjament, liema hatra ma kenitx wahda ta' perit f'kawza kif irid l-artikolu 644 tal-Kap 12;

Illi, ukoll minn dak li jidher mic-certifikat mahrug minnu fis-26 ta' Dicembru, 2000 [Dok D f'pagna 27 tal-process], l-istess espert jikkonferma s-sejbien tieghu u l-fehma li ta fl-ewwel rapport u fil-fatt jirreferi ghalih espressament;

Illi ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, minkejja li jidher li l-qbil li sar bejn il-partijiet kif inghad gie segwit b'Degriet moghti dak inhar stess [pagna 21 tal-process], dik il-hatra ghandha tinftiehem fid-dawl li l-partijiet kienu qeghdin jestendu dik originarjament moghtija mill-attur lill-imsemmi kirurgu privatament;

Isegwi, ghalhekk, li l-fehma espressa mill-kirurgu Sciberras fiz-zewg rapporti tieghu huma xhieda li tista' tkun ammissibbli, imma ma tikkostitwix rapport ta' perit ghall-finijiet tal-artikolu 672 *et seq* tal-Kodici tal-Procedura;

Jekk dan hu l-kaz, ikun ifisser li ma tistax tintalab il-hatra ta' periti addizzjonali skond l-artikolu 677, minhabba li ma jesistux il-kundizzjonijiet biex talba bhal din tintlaqa';

Illi, naturalment, dan ma jfissirx li l-konvenut m'ghandux ghazliet ohrajn skond l-istess Kodici tal-Procedura jekk fi hsiebu jitlob verifika tal-grad ta' debilita' li qieghed isofri l-

attur, izda f'dan l-istadju zgur li din l-ghazla mhix il-hatra ta' periti addizzjonali;

Ghalhekk, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar ir-rikors tal-konvenut tat-3 ta' Novembru, 2000 billi **tichad it-talba** ghall-hatra ta' periti addizzjonali ghaliex intempestiva u irrita, bla pregudizzju ghal kull rimedju iehor li jista' jkollu dwar l-ilment tieghu;

Il-Qorti qeghda tordna li l-kawza tissokta u, ghall-finijiet tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tordna komunika ta' dan id-Degriet lill-avukati tal-partijiet sabiex jaghrfu jirregolaw il-posizzjoni tal-klijenti rispettivi taghhom.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------